**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta tal-Hamis 13 ta' Marzu 2025**

**Rikors ġuramentat nru: 177/2015 AGV**

RA

Vs

AA

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat tal-attur, datat 3 ta' Awwissu, 2015, fejn 'inter alia' talab lil din il-Qorti;**

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-14 ta' Awwissu 1971 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, datata 12 ta' Ottubru, 2015, fejn wiegbet ;

> Illi l-ewwel domanda attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez u dana abbazi ta' dak sancit fl-Artikolu 66D(2) tal-Kap 16 stante li jekk tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti ghall-otteniment tad-divorzju, jkun aktar difficli ghall-esponenti li tikseb il-hlas tal-manteniment.

Rat in-nota ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2025, u l-verbal datat l-istess, li permezz taghha l-partijiet ippremettew u talbu li qed icedu t-talbiet kollha taghhom, u jzommu ferma it-talba ghall-divorzju;

Rat illi l-partijiet kienu lahqu ftehim fil-mori tal-kawza, ferjn ghalhekk il-konvenuta kienet qed taqbel mat-talba tal-attur ghall-ghoti tad-divorzju.

**DECIDE :**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI;

TILQA' T-TALBA.

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u konsegwentement tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar l-14 ta' Awwissu 1971 ai termini tal-Artikolu 66C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien ghaxart (10) ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Anthony J Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**